**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 16 ta' Mejju 2023**

Rikors Numru: 444/22 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 1833/2004)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet izzewgu fid-29 ta' Ottubru 2004 fil-knisja St Joseph The Worker, Xemxija, limiti ta' San Pawl il-Bahar, Malta, kopja originali taccertifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat 'DOK A'.

2. Illi permezz ta' sentenza li nghatat mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) mill-Onor Imhallef Antonio G. Vella fit-12 ta' Ottubru 2021, giet pronunzjata separazzjoni personali bejn il-partijiet, kopja legali tassentenza hawn annessa u mmarkata 'DOK B', izda l-istess partijiet

ilhom de facto separati sa' mis-sena 2016, kif jirrizulta mill-imsemmija annessa sentenza, (ara t-tieni pagna tal-istess).

3. Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet illi minbarra li ilhom hafna snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata u ndipendenti minn xulxin.

4. Illi llum l-partijiet m'għandhom ebda pendenza ma' xulxin rigward manteniment jew xi aspett patrimonjali.

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u fic-cirkostanzi ghalhekk, mhux mehtieg li ssir medjazzjoni bejniethom.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, previa s-smigh tal-partijiet kif mahsub l-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ukoll sabiex jigi stabbilit illi jezistu dawk il-kondizzjonijiet fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liijiet ta' Malta:

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artkolu 66C tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Tordna r-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili sabiex f'terminu perentorju ffissat minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fl-istess Registru ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha esponiet :-

1. Illi ghal kull buon fini, l-intimata qieghda taghti ruhha notifikata bir-rikors ghat-talba ta' divorzju pprezentata mir-rikorrenti A B fit-23 ta' Awwissu 2022;
2. Illi l-esponenti mhiex qieghda toggezzjona ghat-talba tar-rikorrenti, biss pero` ma ghandhiex teħel spese ghal dawn il-proċeduri;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta’ Settembru 2022;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi biex zwieg jigi maħlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin permezz ta’ sentenza tal-Qorti tat-12 t’ Ottubru 2021 liema sentenza ma ġietx appellata;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg bejn il-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.